# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta’ nhar it-Tnejn, 19 ta’ Novembru, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 844/01mm**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Carmelo u Mary mizzewgin Gauci**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta’ elfejn , sitt mija u sebgha u disghin lira Maltin (Lm2697.00) import ta’ wiehed u tletin (31) kambjala migbuda mis-socjeta’

Paola Motors Limited gia' Daewoo (Malta) Limited gia' Universal Commerce Agency Company Limited u ggirati u fil-pussess tas-socjeta' mittenti liema kambjali huma skaduti u mhux imhallsa fid-19 ta' Marzu, 1999, 19 ta' April, 1999, 19 ta' Mejju, 1999, 19 ta' Gunju, 1999, 19 ta' Lulju, 1999, 19 ta' Awissu, 1999, 19 ta' Settembru, 1999, 19 ta' Ottubru, 1999, 19 ta' Novembru, 1999, 19 ta' Dicembru, 1999, 19 ta' Jannar, 2000, 19 ta' Frar, 2000, 19 ta' Marzu, 2000, 19 ta' April, 2000, 19 ta' Mejju, 2000, 19 ta' Gunju, 2000, 19 ta' Lulju, 2000, 19 ta' Awissu, 2000, 19 ta' Settembru, 2000, 19 ta' Ottubru, 2000, 19 ta' Novembru, 2000, 19 ta' Dicembru, 2000, 19 ta' Jannar, 2001, 19 ta' Frar, 2001, 19 ta' Marzu, 2001, 19 ta' April, 2001, 19 ta' Mejju, 2001, 19 ta' Gunju, 2001, 19 ta' Lulju, 2001, 19 ta' Awissu, 2001, 19 ta' Settembru, 2001, rispettivament (Dok. "A1 sa' A31") flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri mid-data ta' l-iskadenza tal-kambjali sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 8 ta' Frar, 2001, (Dok "B") u tal-Mandati ta' Sekwestru u Qbid li gew ipprezentati kontestwalment, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fit-12 ta' Novembru, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.